**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 12**

**Data:** **24 ta' April, 2020**

**Hin:** **10.19am**

**Post:** Ko-ordinata mill-Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb permezz tas-sistema Teams

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

12.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

12.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

12.5 Korrispondenza u Rapporti;

12.6 Xogholijiet fit-toroq;

12.7 Telephone Boxes;

12.8 Bye-Laws;

12.9 Materji ohra;

12.10 Skeda ta' Pagamenti;

12.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**12.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

12.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

**12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

12.2.1 Il-minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

12.3.1 Is-Sindku staqsa jekk hux kulhadd sew u kompla billi qal li l-Kunsill kien inghata l-fondi sabiex issir Triq Tumas Cassar. Huwa spjega li kien gie infurmat li l-parti l-gdida li tghaqqad Triq Tumas Cassar ma' Triq Dun Alwig Mizzi hemm possibilita' li tinfetah. Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-parti t'isfel tat-triq li hija dejqa ghandha ssir talba lill-Gvern Centrali sabiex titwessa u jsir 'retaining wall' fuq in-naha ta' fejn ma hemm zvilupp. Huwa zied jghid li f'kaz li Triq il-Knisja jew Triq Dun Alwig Mizzi ikunu maghluqa din il-parti li hija proposta li tinfetah tista' tintuza bhala by-pass. Is-Sindku spjega li meta jigi kaz fejn il-Gvern jiftah triq u tittiehed prijorita' lil sid privat dan jinghataw kumpens u f'kaz fejn is-sid jizviluppa hu u jirtira fil-propjeta' tieghi ma jkunx intitolat ghall-kumpens. Gie spjegat li fil-kaz ta' l-intervent tal-Gvern il-process huwa pjuttost ftit twil u hemm proceduri li jridu jittiehdu. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi inkarigat il-Perit sabiex ihejji d-dokumenti mehtiega biex tkun tista' timxi l-*ex-propriation*.

12.3.2 Is-Sindku qal li l-belveder li jinsab fejn il-Wied ta' Jodros ghandu bzonn ta' *upgrading* fejn huwa ssugerixxa li ssir *artist impression* ta' din iz-zona peress li hemm ser ikun ga qed issir il-bini ta' hitan tas-sejjieh fil-wied. Fost ohrajn huwa ssugerixxa li ssir pjattaforma fejn ghal xi attivitajiet tkun tista' tintuza bhala palk. Tonio Mifsud staqsa dwar certifikazzjoni ghat-tindif tal-wied. Is-Sindku qal li x-xoghol kien approvat u il-Kunsill ga ha l-ghajnuna mill-Ministeru ghal Ghawdex. Hu zied jghid li hemm problema f'dan il-Wied peress li xi nies qeghdin jergghu jarmu gewwa fih u ghaldaqstant huwa ssugerixxa li tigi nstallata cctv. Huwa zied jghid li fir-rigward ta' tindif tal-wied fl-interu tieghu minn Triq il-Madonna tal-Virtut sa Triq Trux jista' johloq problemi ta' livelli gewwa il-wied u ghaldaqstant ma jkunx accessibli ghall-bdiewa. Is-Sindku qal li l-istess problema kienet inholqot f'Wied il-Mielah u ghal din ir-raguni kellhom jinbnew pontijiet sabiex il-bdiewa seta' jkollhom access. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jsir it-tisbih.

12.3.3 Is-Sindku spjega li f'din is-sitwazzjoni li qeghdin fiha minhabba l-Covid-19, il-librerija hija maghluqa u ghaldaqstant huwa ssugerixxa li jsir xoghol ta' titjib u tisbih sabiex tigbed aktar nies. Bhala finanzjament jista' jintuza dak li kien allokat ghall-attivitajiet peress li hafna minnhom ser jigu kkancellati. Tonio Mifsud issugerixxa li jista' ukoll ikun hemm bhala encyclopedia. Fuq dan il-punt gie innotat li fir-realta' l-librerija tintuza minn nies li ma jaghmlux uzu mit-teknologija u ghaldaqstant l-ahjar ikun li jsir xi *library club* fejn issir aktar uzu mil-librerija. Is-Sindku qal li l-ewwel li

jrid isir huwa d-disinn u nesploraw x'servizzi jistghu jinghtaw u naraw l-ispiza. Tonio Mifsud issugerixxa li nistiednu lin-nies sabiex min ghandu kotba qodma ta' pregju li m'ghadux iridihom ikun jista' jaghti donazzjoni ghal-librerija. Fuq dan il-punt is-Sindku spjega li ghalkemm hemm kotba li jistghu jkunu tajbin hemm certu regoli min-naha tal-Malta Libraries fejn certu kotba ma jistghux jinzammu gewwa l-librerija u ghaldaqstant dawn jitnehhew u jinharqu. Gie deciz li aktar dettalji dwar disinn u spejjez ser jigu diskussi fil-laqgha li jmiss.

12.3.3 Is-Sindku semma dwar Jum l-Omm fejn huwa ppropona li peress li hemm minnhom li huma vulnerabbli u mhumiex johorgu mid-dar ikun gest sabih jekk il-Kunsill jesplora l-possibilita' li jaghtihom pjanta b'poezija u / jew messagg u / jew issir xi projezzjoni b'messaggi mit-tfal taghhom b'mod partikolari dawk emigranti. Tonio Mifsud issugerixxa li ssir post fuq facebook sabiex issir pubblicita' pero' gie innotat li din trid tkun sorpriza u ghaldaqstant ma tistax tigi pubblicizzata fuq facebook. Is-Sindku qal li jkun jista' jsir tqassim ta' pjanta li jkollu messagg minn uliedha u dan jigi limitat ghan-nies li ma jistghux johorgu. Joseph Mizzi staqsa f'dan il-kaz min jaghmel it-tqassim fejn gie spjegat li dan jista' jsir mill-persuna li jkunu ser jinxtraw il-pjanti minghandha. Il-Kunsill qabel li ghandu jevalwa x'isib fis-suq u jmexxi minn hemm.

12.3.4 Fis-sitwazzjoni prezenti minhabba l-Covid-19, is-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill jiehu l-inizjattiva billi fl-1 ta' Mejju l-familji jigu mistiedna johorgu siggu fuq il-bankina ghal kull membru li joqghod fid-dar. Huwa zied jghid li kull min jaghmel dan il-gest tinghatalu sorpriza fuq is-siggu bhal per ezempju frott. Fuq dan il-punt. Is-Sindku qal li l-iskop ta' din l-inizjattiva u li nuru li n-nies qeghdin id-dar u t-toroq qeghdin vojta. Tonio Mifsud issugerixxa ukoll li minflok siggu ghal kull persuna jinhareg wiehed ghal kull familja. Il-Kunsill kompla jiddiskuti u qabel ma' din l-inizjattiva u li jinhareg siggu wiehed ghal kull familja.

12.3.5 Is-Sindku qal li l-latrina ta' Triq Trux ghandha bzonn ta' upgrade u ghaldaqstant huwa ssugerixxa li peress li fil-prezent tinsab maghluqa x-xoghol ghandu jsir issa. Huwa zied jghid li tista' tinhareg *expression of interest* ghal dan il-ghan. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

12.3.6 Is-Sindku informa lill-membri li fit-28 ta' April, ser jaghlqu l-kwotazzjoni tal-PA u dawl, tat-transport u dik tas-Security Cameras li regghet hareg. Il-Kunsill qabel li bord jintuza dak tas-soltu.

12.3.7 Il-Kunsill qabel li l-*billboard* ta' Triq l-Gharb ghandha tinbidel ghal Jum l-Omm u aktar tard kif ihoss l-ufficju.

## 12.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

12.4.1 Gew trattati zewg mistoqsijiet tal-Kunsilliera minghand Joseph Mizzi.

L-ewwel mistoqsija kienet tirrigwardja l-cat feeders fejn Joseph Mizzi staqsa jekk il-Kunsill kellux xi persuni registrati bhala cat feeders, jekk huwiex permessibbli illi residenti johorgu ikel fl-art ghall-qtates u x'kien gara mill-cat café'. Is-Sindku rrisponda li kienet irregistrat persuna wahda mall-Kunsill u l-Kunsill kien informa biha lill-awtorita' kkoncernata. Tonio Mifsud staqsa din l-iskema ghal min kienet miftuha. Gie spjegat li din kienet miftuha ghal persuni li ghandhom 65 sena jew

aktar. Fir-rigward tal-cat café is-Sindku qal li dan il-progett kien imwaqqaf probabli minhabba l-Covid-19.

12.4.2 Giet trattata t-tieni mistoqsija minghand Joseph Mizzi fejn huwa staqsa x'sar missigar li ma kienx gew imhawwla u jekk ghadhomx fil-pusses tal-Kunsill jew gewx imhawwla x'postijiet ohra. Jekk ghadhom ghand il-Kunsill jekk hux ha jithawwlu f'postijiet ohra fil-futur qarib, jekk hux se jintuzaw f'xi attivita' ohra jew hemmx xi pjan iehor. Is-Sindku qal li dawk li kien baqa' parti minnhom twahhlu fl-iskola u ohrajn kienu uzawhom fl-iskola biex izejnu bihom huma stess. Tonio Mifsud staqsa jekk kienux twahhlu l-1500 sigra kollha. Gie spjegat li dawn ma kienux ingabu kollha imma parti minnhom u hekk kif tghaddi l-pandemija ser jergghu jingabu l-bqija u jitwahhlu. Il-Vici Sindku staqsa jekk kienux qabdu s-sigar fejn gie spjegat li kien hemm minnhom li ma hadux il-hajja u inbidlu u ohrajn ittiehdu mill-post. Qed ikun ppjanat sabiex nimplentaw l-iskema ta' l-irrigrazzjoni l-gimgha d-diehla.

## 12.5 Korrispondenza u Rapporti

12.5.1 Gew trattati applikazzjoni godda ghal permess ta' zvilupp bin-numri PA/02507/20, PA/02113/20, PA/02194/20, RG/02615/19, PA/00907/20, PA/02408/20, PA/02548/20 u PA/09135/19. Giet diskussa l-applikazzjoni ta' Triq Trux fejn minn informazzjoni jidher li dan il-post ser isir xoghol fuqu biex jinbidel f'Bed and Breakfast. Kien suggerit li f'dan il-kaz il-Kunsill ghandu jitlob lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar sabiex ihallas ghan-nuqqas tal-parking. Tonio Mifsud staqsa jekk din hiex ghal dan il-kaz biss jew ghal kollha fejn gie spjegat li din ghandha ssir ghal kull kaz. Tonio Mifsud staqsa x'tghid il-ligi fejn gie spjegat li fejn jidhol bini kummercjali jekk is-sid ma jkollux bizzejjed spjazju ta' parkegg is-sid jintalab ihallas ghalih. Gie spjegat ukoll li dawn il-fondi jmorru f'fond fejn il-Kunsill ikun jista' jibbenifika minnu sabiex isiru progetti fil-lokalita'. Il-Kunsill kompla jiddiskuti fejn fost ohrajn innota li qed isiru talbiet u restawr ta' farmhouses fejn finalment dawn jintuzaw bhala B&B. Tonio Mifsud qal li huwa jaqbel mall-kuncett. Huwa zied jghid sid tal-akkomodazzjoni f'Triq Trux kien sab ghalqa fuq inizjattiva tieghu sabiex tintuza ghall-parkegg ghall-klijenti tal-farmhouse tieghu. Is-Sindku qal li fl-istudju li ser isir wahda mir-rekwiziti hija li jinsabu postjiet sabiex jintuza bhala parking komunali. Il-Kunsill ra li r-residenti qed ikunu preokkupati minhabba nuqqas ta' parkegg. Il-Kunsill qabel li fejn farmhouse jibdluha f'B&B dawn ghandhom ihallsu l-kontribuzzjoni minhabba nuqqas ta' parkegg lil-lokalita'. Tonio Mifsud qal li huwa jaqbel mall-principju. Joseph Mizzi qal li huwa ukoll jaqbel u ghandha tidhol fis-sehh. Miriam Borg qalet li dan jista' japplika ukoll fejn tinbena blokka ta' appartamenti u ma jkunx hemm bizzejjed garaxxijiet ghal kulhadd. Gie innotat li f'dan il-kaz l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ta' tobbligax li kull min jixtri appartament ikun obbligat jixtri garaxx ukoll. F'dan ir-rigward il-Vici Sindku qal ukoll li hemm xi garaxxijiet li jinbidlu f'appartamenti. Miriam Borg staqsiet jekk ikun hemm xi blokka simili ghaz-zona tal-wilga fejn ma taqbilx maz-zona tal-madwar x'isir. Is-Sindku qal li f'dawn il-kazijiet il-Kunsill ikun jista' jitlob jara l-pjanti u jitlob revizjoni taghhom bhal ma gara f'kazijiet fejn ma kienx hemm garbage room. F'dawn il-kazijiet gew riveduti l-pjanti u giet inkluza garbage room.

## 12.6 Xogholijiet fit-toroq

12.6.1 Gie spjegat li issa li tlesta' x-xoghol ta' Triq il-Madonna tal-Virtut il-Perit qieghed jipprepara c-certifikazzjonijiet tat-tarmak. Meta dawn ikunu lesti flimkien mall-kont

jghaddu ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Kif kien diga maqbdul dan ix-xoghol diga sar pagament ta’ 30% tieghu bhala *advanced payment*. Il-bqija tal-pagament isir galadarba jinhareg il-kont tal-perit. Joseph Mizzi staqsa dwar is-sinjali li kien hemm fit-triq humiex ser jergghu jsiru. Is-Sindku spjega li dawk li kienu approvati ser jergghu jinzebghu u ghal ohrajn godda ser jigu parti mill-istudju. Fuq dan il-punt is-Sindku spjega li kienet saret komunikazzjoni ma’ min tefa’ l-offerta’ tal-immanigjar tat-traffiku fejn gie mitlub skont fuq il-prezz. Meta jitlesta l-istudju dan jghaddi ghand Transport Malta ghall-verifika min-naha taghhom. Is-Sindku stiedien lil Tonio Mifsud ikun partecipi fid-diskussjonijiet ta’ dan l-istudju peress li huma parti mir-responsabilitajiet tieghu.

12.6.2 Fir-rigward ta’ aktar xoghol fuq it-toroq, is-Sindku qal li huwa ta’ l-opinjoni li Triq Tumas Cassar ma ssirx bhalissa minhabba kostruzzjoni kontinwa li ghaddej gewwa fiha. Huwa semma li hemm Dahlet Maxwell u Triq San Pietru imma dawn ghandhom isiru possibilment meta fuq in-naha ta' San l-Lawerenz issir Triq il-Wileg u dan biex jitnaqqas il-konvenjenza tar-residenti fejn jidhol it-trasport pubbliku. Hemm ukoll Sqaq il-Fgura u Triq Karmni Grima pero’ din ta' l-ahhar qed isir kostruzzjoni ta’ numru imdaqqas ta' appartamenti. Is-Sindku ssugerixxa li jinbeda’ x-xoghol fuq Triq Birbuba u Trejqet tas-Sisien. Il-Kunsill qabel ma’ dawn il-punti tas-Sindku. Gie spjegat li l-main ta’ l-ilma fi Triq Birbuba minn Triq Mongur ‘l isfel irid jinbidel. Fil-prezent il-Kunsill ikun jista’ jibda’ x-xoghol fuq il-mains ta’ l-ilma. Tonio Mifsud qal li l-importanti li meta jinbeda x-xoghol dan jitkompla. Is-Sindku qal li l-kuntrattur jaqsam ix-xoghol fuq zewg taqsimiet, wiehed fejn ikun hemm xoghol ta' bdil ta’ servizzi bhal fil-kaz tal-mains tal-ilma u l-ohra fuq xoghol ta' tarmak. Wiehed irid jiehu inkonsiderazzjoni ta’ fejn hemm bzonn bdil ta' drenaggi jew isiru ohrajn godda fejn hemm plots li potenzjalemnt dawn jistu jinbnew fil-futur qarib jew li jaqghu fl-iskem ta' zvilupp. Huwa zied jghid li l-Kunsill ghandu kuntrattur tajjeb. Kien spjegat li hemm ukoll talba pendenti quddiem il-Ministeru sabiex isiru x-xogholijiet f'Triq Mongur u Triq il-Knisja fejn twesset it-triq.

Tonio Mifsud semma li x-xogholijiet li jridu jsiru minn diversi entitajiet sewwa li juzaw culverts fejn possibli. Il-Kunsill qabel ma’ dan is-suggeriment.

Tonio Mifsud semma ukoll li resident minn Triq Molina kien qed jitlob sabiex issir netted box quddiem il-post tieghu minhabba li jsir parkegg li johloq inkonvejent biex wiehed jidhol / johrog mid-dar. Giet diskussa din il-materja fejn is-Sindku talab lil Tonio Mifsud sabiex jibghat site plan lis-Segretarju Ezekuttiv fejn wiehed jesplora x’jista’ jsir f’dan ir-rigward.

## 12.7 Telephone Boxes

12.7.1 Saret diskussjoni dwar it-telephone box prezenti fejn is-Sindku qal li dawn ghandhom jinbidlu minhabba li m’ghandhomx fi stat tajjeb. Huwa ssugerixxa sabiex meta dawn jinbidlu jinkludu fihom librerija zghira fejn wiehed jissellef il-kotba bhal m’hemm f’lokalitajiet ohra. Minn ricerka li saret jidher li dawn jiswew €1,200. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom jinbidlu ghajr ghal dik tal-Pjazza li dik mhijix replika imma originali u kien diga sar restawr mehtieg fuqha. Il-Kunsill qabel unanimament li dawn ghandhom jinbidlu.

## 12.8 Bye-Laws

12.8.1 Gew diskussjoni l-bye-laws li gew mibghuta precedentament b'email lill-Kunsilliera sabiex jghaddu ghall-approvazzjoni tal-Kunsill segwit b'approvazzjoni min-naha tal-parlament. Is-Sindku talab il-*feedback* ta' Joseph peress li dawn jaqghu taht ir-responsabilitajiet tieghu. Joseph qal li l-importanti li r-residenti ma jkollhomx inkonvenjent bihom. Is-Sindku spjega li dawn isiru biex jigu protetti r-residenti. Tonio Mifsud qal li huwa rcieva l-bye-laws pero' ma kellux cans jarahom. Il-Vici Sindku qal li huwa rcieva l-bye-laws u ghalih kienu sewwa. Joseph Mizzi qal li huwa jaqbel maghhom kollha pero' fir-rigward dik tan-nar huwa ta' l-opinjoni li trid tigi ridiskussa. Fuq dan il-punt is-Sindku qal li huwa rcieva telefonata minghand membri tal-kumitat tan-nar fejn dawn kienu rrabjati peress li l-istess kunsillier kien imlilhom rashom li b'din il-bye-law mhux ser ikunu jistghu jaharqu nar fil-festa. Joseph Mizzi cahad li huwa cempel u tkellem dwar dan ma xi membru tal-Kumitat tan-nar. Is-Sindku zied jghid li mhux sewwa dan l-agir peress li din il-materja tkun ghada trid tigi diskussa. L-informazzjoni li tinghata tista' tkun mibdula wara d-diskussjoni u allura l-informazzjoni moghtija tista' tkun skorretta. Huwa zied jghid li din qeghda ssir ta' spiss u huwa qal li l-affarijiet ma jsirux hekk. Huwa rrefera ghall-minuti tal-laqghat li dawn qabel ma jkunu approvati dawn m'ghandhomx ikunu imxandra. Huwa qal li f'din l-istess laqgha kienu gew diskussi diversi progetti u jittama' li ma jigux avvicinati n-nies qabel il-Kunsill ikun jista' jiehu l-azzjonijiet mehiega. Tonio Mifsud qabel mas-Sindku u qal li l-affarijiet waqt il-laqgha jkunu diskussi u decizi pero' il-Kunsill xorta jkun ghad irid jivverifika u jara li dak li kien diskuss jistax ikun imwettaq apparti li jkun irid minghand terzi. Joseph Mizzi baqa' jinsisti li huwa ma tkellem ma hadd. Is-Sindku qal li huwa ha jinforma lil min cempillu li Joseph kien qal jichad li tkellem ma' xi hadd dwar dan.

**12.9 Materji ohra**

12.9.1 Ma gewx diskussji materji ohra.

**12.10 Skeda ta' Pagamenti**

12.10.1 L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill. Flimkien ma' din l-iskeda l-Kunsill approva ukoll il-kont tar-*rubber* tal-grawnd Perit Wigi Portelli. Tonio Mifsud staqsa dwar it-trakka x'gara minnha fejn is-Sindku spjega li l-Kunsill qed jara tinharigx offerta' pero' ghad iridu jsiru diskussjonijiet mall-Inginier sabiex wiehed jara ezatt tinharigx offerta jew kwotazzjoni u dettalji ohra relatati.

**12.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.**

12.11.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis, 21 ta' Mejju, 2020 fl-10AM.

12.11.2 Il-laqgha spiccat f'12.21pm.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |